**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 06

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 05

6.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħames laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

6.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

6.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 6.3 Punti li joħorġu mill-minuti

6.3.1 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.4.1 Is-Sindku tkellem fuq il-PA permit numru 00170/19 fi Triq Merino, tal-*Boutique Hotel* fejn qal il-bord tal-ippjanar indika li se japprova din l-applikazjoni minkejja l-oġġezzjonijiet tal-kunsill u r-residenti. Skond il-bord din l-applikazjoni tagħmel parti mill-pjan lokali. Is-Sur Dalli żied jgħid li riċentament fuq dan il-PA kien hemm *fresh plans* u r-residenti ta' dik l-akwata jixtiequ li terġa tittieħed azzjoni kontra dan il-PA għat-tieni darba. Għalhekk is-Sindku qal li dawn il-*fresh plans* ġew mgħoddija lil perit tal-kunsill li dak iż-żmien meta ħareġ dan il-PA kien huwa li dderieġa lil kunsill rigward x'għandu jikteb fl-oġġezzjoni. Il-perit għandu jiċċekja dawn il-*fresh plans* u jigwida l-kunsill rigward kif għandu jiproċedi.

6.4.2 Is-Sindku tkellem ukoll fuq PC permit numru 00041/19 fi Triq Giovanni Barbara għal *change in zoning* tal-akwata minn *Villa area* għal *apartment area*. Huwa qal li l-kunsill diġa għamel oġġezzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar fuq dan il-PC bl-għajnuna tat-*town planner.* Ir-Residenti tal-akwata ingħataw kopja ta' din l-oġġezzjoni biex jekk iridu jiffirmawha u jissieħbu mal-kunsill billi jibgħatuha huma wkoll lil l-Awtorita tal-Ippjanar.

6.4.3 Is-Sur Dalli qal li reġa mar jagħmel żjara għand is-sorijiet dumnikani fi Triq Sir Ugo Mifsud minħabba l-kaxxa s-safra li għandhom quddiem il-bieb tal-kunvent. Huwa kkonferma mal-Madre li dik il-kaxxa s-safra qiegħda hemmhekk għaliex hemm soru fil-kunvent li hija *wheel chair bound* u fil-passat il-kunsill kien tagħha l-permess u għamilha din il-kaxxa biex ma jipparkjawx karozzi quddiem il-kunvent u faċilment tkun tista tinħareġ bil-*wheel chair*. Is-Sinjorina Farrugia qed tibqa ssostni li din il-kaxxa saret mingħajr permess u għalhekk is-Sindku qal lis-segretarju eżekuttiv biex tiċċekja jekk il-kunsill fil-passat kienx verament ġab permess biex din il-kaxxa ssir jew le.

6.4.4 Is-Sindku nforma kif bħalissa l-Knisja qed tagħmel restawr fuq iċ-ċimiterju tal-Abbati, u talbet lil kunsill biex jitweħlu żewġ bozoz mad-dawra taċ-ċimterju biex jagħtu d-dawl għal fuqu. Is-Sindku qal li għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur tad-dawl biex jiġi fuq l-post u jgħidilna fl-opinjoni tiegħu kemm joqgħodu bozoz fejn xulxin u nimxu minn hemm. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm bżonn li jsiru bozoz fit-triq kollha, iżda s-Sindku nfurmaha li l-kunsill ma jiflaħx jagħmel triq sħiħa bi bozoz ġodda u l-ewwel priorita għandha tingħata għal bozoz li talbet il-knisja fejn iċ-ċimiterju. Il-Kunsill approva li jsir hekk.

6.4.5 Is-Sindku qal li kif issemma tajjeb waqt il-laqgħa tal-lokalita' hemm bżonn li fi Ħal Lija jitweħlu b'mod immedjat tabelli ta' *no heavy vehicles*. Fl-ebda waħda mill-entraturi għal Ħal Lija ma hemm tabella ta' *no heavy vehicles* u għalhekk il-kunsill għandu japplika għal permess ta' dawn it-tabelli ma' Transport Malta u jsiru waħda waħda, bilmod il-mod. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru dawn it-tabelli.

6.4.6.1 Is-Sindku qal li ltaqgħa mal-persuna nkarigata mill-parroċċa li tieħu ħsieb l-anzjani u flimkien tkelmu rigward ippjanar u ko-ordinazzjoni ta' attivitajiet. Jagħmel sens li din il-persuna tibda tikkoordina mal-kunsill meta tkun ser issir xi attivita għall-anzjani, biex ikun hemm ħidma unanima bejn it-tnejn. Dan biex ma jsirx duplikazzjoni ta' attivitajiet. Infatti s-Sindku nforma kif fi 22 ta' Ottubru din il-persuna ser tħejji attivita partikulari għall-anzjani u huwa ser jieħu ħsieb billi jsibilha *speaker*. Fid- 29 ta' Ottubru umbgħad ser issir ħarġa għal anzjani u din il-persuna talbet lis-sindku biex għal din il-ħarġa l-kunsill joffri *mini bus* minħabba dawk l-anzjani li huma *wheel chair bound* jew ma jifilħux jitilgħu fuq *coach*. Filwaqt li s-sindku spjega lil din il-persuna li talba bħal din ma tistax issir fuq bażi regolari huwa ma jsibx oġġezzjoni billi l-kunsill jgħin u jofri *mini bus* biex ilkoll naħdmu flimkien.

6.4.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li jħallas għas-servizz ta' *mini bus* għal din l-attivita. Fuq dan is-Segretarju Eżekuttiv fakret li kunsill lokali ma jistax jagħti donazzjonijiet u kemm il-darba l-kunsill jieħu sehem fi attivita ma' xi għaqda, jrid ikun il-kunsill li qed joħloq u jmexxi din l-attivita jew inkella l-attivita ssir bi kollaborazzjoni taż-żewġ naħat.

## 6.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera ma kienx hemm bil-miktub. Pero s-Sinjorina Lorraine Farrugia kellha mistoqsija żgħira li hija xtaqet tagħmel lis-sindku u s-sindku aċċetta li jwieġeb din il-mistoqsija.

6.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet mistoqsija lis-sindku rigward l-attivita tal-*father christmas*. Hija qed tagħmel din il-mistoqsija għaliex iltaqgħet ma' xi ħadd mill-għaqda tal-armar u qaltlu li hija ser tkun qed tieħu sehem magħhom f'din l-attivita. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li din il-persuna qas biss kienet infurmatha b'din l-attivita u lanqas ikkonfermat li l-għaqda tal-armar ser tkun qed tieħu ħsieb li ttella din l-attivita mal-kunsill. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf is-Sindku ma' liema persuna mill-għaqda tal-armar għamel kuntatt magħha rigward din l-attivita.

6.5.3 Is-Sindku qal li huwa għandu jerġa jitkellem ma' l-għaqda tal-armar u jagħmel kuntatt magħhom rigward dan.

## 6.6 Korrispondenza

6.6.1 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Zahra xtaq ikun jaf fuq xiex titratta korrispondenza nru 1938/19 bl-isem 'Tower Monument'. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din il-korrispondenza mibgħuta minn residenta li espremiet l-importanza li fi Vjal it-Trasfigurazzjoni jkun hemm sinjali ta' slow ma' l-art għax riċentament hija u għaddeja minn din it-triq bil-karozza nħasdet għax sabet ġuvnott fuq rota ma' wiċċha u għal ftit ma tajritux hija u ddur mat-Torri. Is-Sindku spjega kif fl-aħħar laqgħa li għaddiet il-kunsill approva li f'din it-triq isiru *speed marking limits* ta' 30.

6.6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf kif bqajna fuq korrispondenza nru 1917/19 – '*un/loading bay in front of Apap Store* in Triq Sir Ugo Mifsud, Lija'. Is-Sindku w is-Segretarju Eżekuttiv infurmuha li Transport Malta ma approvax li ssir din l-*un/loading bay*.

6.6.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf ukoll kif bqajna fuq korrispondenza nru 1919/19 li titratta fuq '*line* sħiħ fi Triq Ħal Bordi, Ħal Lija.' Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li dik kienet korrispondenza bejn il-kunsill u Transport Malta rigward linja bajda sħiħa li kien hemm fi Triq Tal-Mirakli kantuniera ma' Triq Ħal Bordi. Il-Kunsill staqsa lil Transport Malta rigward l-użu ta' din il-linja sħiħa u jekk tistax tiġi *dotted* biex wieħed ikun jista jibqa sejjer dritt għal Triq N. Cottoner u mhux idur bilfors għal Triq Ħal Bordi. Transport Malta tat l-approvazjoni lil kunsill biex din il-linja bajda titħassar u qalet li m'hemmx għalfejn tkun waħda kontinwa.

6.6.4 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza nru 1959/19 fejn fakkar lil kunsilliera biex min irid jattendi nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019 ser jinżamm *meeting* fuq l-immaniġjar tat-traffiku fl-uffiċini tal-Assoċjazzjoni tal-kunsilli Lokali l-Marsa fis-siegħa. Dan il-meeting ser isir mal-president tal-Assoċjazzjoni bejn il-kunsilli lokali ta' Ħal Lija, Ħal Balzan, Iklin u Attard.

## 6.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

6.7.1.1 <u>Approvazzjoni tal-*performance reports* tal-ħaddiema - CWSEF</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-*performance reports* taż-żewġ ħaddiema li l-kunsill għandu b'permezz ta' l-iskema CWSEF. Hija spjegat kif il-kunsill għandu *agreement* iffirmat ma' din il-kumpanija u l-AKL, fejn fl-aħħar tas-sena l-kunsill huwa responsabbli li jagħti *grading* (fl-opinjoni tiegħu li huwa xieraq) lil ħaddiema fuq bażi ta' *performance* u xogħol li huma taw matul is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija mliet dawn ir-rapporti diġa u qed tgħaddihom għall-approvazzjoni tal-kunsill.

6.7.1.2 Is-Sindku spjega kif minħabba raġunijiet ta' data protection dawn il-*performance reports* m'għandhomx jiġu *graded* waqt il-laqgħa. Dawn għandhom jiġu evalwati aktar tard wara l-laqgħa mis-sindku w is-segretarju Eżekuttiv fejn flimkien jiddeċiedu fuq x'tip ta' *performance grading* ser jingħata lil kull ħaddiem. Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan.

6.7.2.1 <u>Kontinwazzjoni ta' ppjanar u ftehim fuq attivitajiet relatati mal-*Waste Reduction Week* (23.11.19)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil kunsill biex jieħu deċiżjoni finali rigward l-attivita/ attivitajiet li huwa jixtieq iwettaq inkonnesjoni mal-*Waste reduction week* li ser jorganizza fi 23 ta' Novembru, 2019 kif ġie deċiż fis-seduta li għaddiet. Ħawnhekk tkellem il-viċi sindku, is-Sur Mallia fejn ressaq fuq il-mejda l-ħsibijiet tiegħu.

6.7.2.2 Il-Viċi Sindku spejga kif f'din l-inizjattiva li qed jorganizza l-kunsill, ġiet invitata biex tieħu sehem in-*nursery* tal-futbol ta' Ħal Lija. Dan peress li bosta mill-attivitajiet li ser ikunu qed jiġu organizzati ser ikunu relatati mat-tema tal-*isports*. Huwa tal-idea li anke tiġi nvitata l-assoċjazzjoni tat-tennis.

6.7.2.3 Is-Sur Mallia żied jgħid kif fost l-attivitajiet li jistgħu jsiru huma: *clean-up day,* logħob għat-tfal fejn jitgħalmu aktar dwar il-kunċett ta' *waste re-using, reduction* u *recycling*, *talks* u preżentazjonijiet ta' informazjoni, installazjoni fil-ġnien ta' *compost bin* u *clothes bin* li jista anke jibqa jsir użu minnhom wara din l-attivita, *mini bazaar* fejn residenti jistgħu jbigħu affarijiet lil ħaddieħor li huma ma jridux aktar minnflokk jarmuhom u attivita ta' tisjir fejn il-kunsill iġib kok u jgħarraf lir-residenti x'jistgħu jsajru minn *left over food* minnflokk jarmuh.

6.7.2.4 Rigward l-attivita tat-tisjir, is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija sabet kok u bgħatet id-dettalji tiegħu lil kunsill. Hija qalet kif il-kok lest jieħu ħsieb kollox hu rigward xiri ta' ikel li għandu bżonn biex ikun jista jagħmel din l-attivita. Mingħand il-kunsill kull ma jrid konferma eżatta tad-data ta' meta ser issir il-*waste reduction week* u provediment ta' mejda u dawl biex ikun jista jagħmel d-demostrazzjoni tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt ma' dan il-kok fejn tinfurmah bid-data u tara eżattament x'għandu bżonn mingħand il-kunsill.

6.7.2.5 Il-Viċi Sindku qal li tkun ħaġa ideali wkoll li kieku l-kunsill iġib *sponsership* mingħand xi *supermarket* fejn jiprovdi lir-residenti preżenti b'xi basket tad-drapp jew kontenitur tax-xiri li dejjem jistgħu jibqgħu jagħmlu użu minnu. Is-Sindku għandu jkellem is-sid ta' *Smart Supermarket* fuq dan ir-rigward.

6.7.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet fuq il-*flyer* u x'jixtieq il-kunsill jinkludi eżatt fih biex ikun jista jiġi ppreparat mill-uffiċċju amministrattiv. Is-Sindku qal li dan il-*flyer* ser jieħu ħsieb jipreparah il-viċi sindku Daniel Mallia u kif ilestih għandu jibgħatu lil kunsill għall-attenzjoni tas-segretarju eżekuttiv.

6.7.3.1 <u>Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet - xiri ta' bozoz - Kontinwazzjoni ta' tibdil fil-bozoz ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda żewġ kwotazzjonijiet oħra ta' xiri ta' bozoz, waħda bi erbgħin bozza u oħra bi għoxrin bozza, b'kollox total ta' sittin bozza. Hija spjegat kif fi seduti preċedenti l-kunsill kien unanimament qabel li jsir tibdil fil-bozoz tal-fanali li hemm fi Vjal it-Trasfigurazzjoni biex it-triq tkun imdawla aktar kif xieraq. Hija qalet li sissa sar tibdil tal-bozoz li hemm fil-pjazza sat-torri u issa jmiss it-tieni parti fejn jinbidlu l-kumplament tal-bozoz mit-Torri l-isfel.

6.7.3.2 Il-Kunsill unanimament approva dawn il-kwotazzjonijiet.

6.7.4.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni għal *Dog Bin* fl-akwata ta' Ħalmann</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet ta' *dog bins* peress li fi seduta preċedenti l-viċi sindku ressaq talba biex jitweħħel *dog bin* viċin l-akwata ta' Ħalmann, in-naħa tal-kappella tal-Kunċizzjoni.

6.7.4.2 Qabel ma jitweħħel dan *id-dog bin,* is-sindku l-ewwel ser iddur dawra mar-raħal u jara kemm hemm *dog bins* b'kollox u eżattament fejn qiegħdin dan biex ma jitweħlux aktar minn wieħed ħdejn xulxin. Dawn il-kwotazzjonijiet alissa ser jinżammu fir-*records* tal-kunsill. Jekk wara li s-sindku jdur ir-raħal ikun hemm xi post

li fih, fl-opinjoni tal-kunsill hemm bżonn isir *dog bin* addizjonali, l-kunsill faċilment ikun jista jirrikorri lura għal dawn il-kwotazzjonijiet. F'każ li jkun ser issir *dog bin,* naturalment għandha tintgħażel l-irħas kwotazzjoni.

6.7.5.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni għal *bins* ta' separazzjoni fil-pjazza</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet ukoll fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet ta' bins tas-separazzjoni li fi seduta preċedenti s-sindku qal li hemm bżonn isiru fil-pjazza.

6.7.5.2 Il-Kunsill ta ħarsa lejn dawn il-kwotazzjonijiet u qabel li alissa ma jsir xejn lanqas għaliex il-*bins* li ġew ikkwotati ma kienux skond ix-xewqa tal-kunsill. Il-Kunsill għandu jara jekk jistax iġib aktar kwotazzjonijiet ta' dawn il-*bins* mingħand kumpaniji oħra.

6.7.6.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni għal *recording* tas-sistema tat-telefon u aktar telefon *sets*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda żewġ kwotazzjonijiet oħra relatati mas-sistema tat-telefon tal-kunsill. Hija spjegat kif waħda minn dawn il-kwotazzjonijiet titratta rigward *recording* tat-telefonati li hemm bżonn isiru minħabba raġunijiet ta' sigurta tal-iskrivani. Hija spjegat kif fis-seduta li għaddiet kien hemm daqsxejn ta' *misunderstanding* żgħir. Dan għaliex ir-*recording* li kien ġie approvat kellu x'jaqsam mas-sistema tal-PABX u ma kellux x'jaqsam mar-*recording* tat-telefonati li huwa mportanti li jsir għal fini ta' sigurta.

6.7.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir din l-ispiża.

6.7.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid ukoll li hemm bżonn jinxtraw xi telefons addizzjonali peress li hemm xi telefons eżistenti bil-ħsara u barra minn hekk m'hemmx telefon f'kull kamra kif suppost. Hija poġġiet fuq il-mejda kwotazzjoni li ġiet mgħottija lilha mingħand it-*technician* li kien qed jieħu ħsieb jirranġa s-sistema.

6.7.6.4 Il-Kunsill approva li jinxtraw telefons addizzjonali li hemm bżonn iżda ma approvax li dawn jinxtraw mingħand it-*technician* li qed jirranġa s-sistema għax fl-opinjoni tiegħu huma ferm għoljin. Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv ser jieħdu ħsieb jixtru dawn it-telefons mingħand kumpanija oħra.

6.7.7.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni biex isiru gradi tas-sigurta fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Fi seduta preċedenti l-kunsillier Calcedonio Cini kien ressaq proposta biex isiru gradi tas-sigurta fl-entraturi tal-ġnien u l-kunsill kien approva li tinġieb kwotazzjoni għal dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar kuntatt ma' tlett persuni differenti biex tingħata kwotazzjoni għal dawn il-gradi pero sal-ġurnata tal-lum kull ma' rċieva l-kunsill kwotazzjoni waħda. Ma kienx hemm aktar risposti minkejja diversi *reminders* li saru maż-żewġ persuni l-oħra.

6.7.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku spjegaw kif dawn il-gradi m'humiex b'xejn u ser jammontaw għal spiża kbira. Għalhekk is-sindku ssuġġerixxa li din l-ispiza għandha tittieħed mill-fondi tar-Reġjun u l-kunsill unanimament approva li jsir hekk. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa tikkonferma l-ammont totali tal-kwotazzjoni u kif tagħmel dan minnufih għandha tkellem lis-segretarju tar-Reġjun biex il-kunsill jingħata l-approvazzjoni meħtieġa u dawn il-gradi jsiru mill-fondi allokati lilu.

6.7.8.1 <u>Approvazzjoni ta' imejl rigward is-Sistema tal-*live streaming* tal-kunsill – VOD</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda imejl bi spiża oħra relatata mas-sistema tal-*live streaming* tal-kunsill. Skond ċirkulari li ġiet mibgħutha lil kunsilli lokali kollha mingħand id-dipartiment tal-gvern lokali, s-sistema tal-*live streaming* trid tkun *on-demand* u kull kunsill għandu d-dmir li jimplementa din s-sistema.

6.7.8.2 Il-kunsill totalment ma jaqbilx ma' din l-ispiza enormi li ġiet imposta fuq il-kunsilli lokali kollha. Il-Kunsill ma jiflaħx għal spiża bħal din u ma jħosx li huwa ġust li qed jiġu mponuti ħafna affarijiet fuq il-kunsilli li jiswew ħafna flus u l-allokazzjoni qed tibqa l-istess, waħda limitata li ma tiżdied qatt. Minkejja dan kollu l-kunsill irrealizza li m'għandux alternattiva oħra ħlief li japrova din l-ispiża biex ma jkunx qed jisker il-liġi.

6.7.9.1 <u>Talba għal żewġ *sleeping policemen* fi Ħalmann</u>
Resident qed jagħmel talba biex isiru żewġ *sleeping policemen* fl-akwata ta' Ħalmann. Is-Sindku spjega kif hemm bżonn li ssir waħda ħdejn iċ-ċimterju tal-abbati u oħra n-naħa l-oħra fil-parti d-dejqa ta' din it-triq.

6.7.9.2 Il-Kunsill unanimament approva li għandha ssir applikazzjoni mat-transport malta għal dawn iż-żewġ *sleeping policemen* u fuq proposta tas-sinjorina Lorraine Farrugia għandha anke issir reminder lis-Sur Cohen fuq talbiet ta' *sleeping policemen* li diġa saru f'din l-akwata pero ma kienux ġew approvati.

6.7.10.1 <u>Talba biex issir mill-ġdid il-wiċċ ta l-isqaq ħdejn tal-abbati mill-fondi tal-bdiewi tal-Unjoni Ewropea</u>
Resident qed jagħmel talba biex isir bi tarmac l-isqaq ta' ħdejn tal-abbati mill-fondi tal-bdiewa tal-Unjoni Ewropea.

6.7.10.2 Is-Sindku qal li dawn il-fondi dalwaqt joħorġu u kif joħorġu l-kunsill għandu japplika għalihom biex isir dan l-isqaq. Barra minn hekk huwa sema wkoll li għandha ssir xi laqgħa fuq fondi dalwaqt biex kunsilli lokali jkunu jafu kif għandhom japplikaw u huwa ser jattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsil qabel li għandu jsir hekk.

6.7.11.1 <u>Talba rigward *sleeping policeman* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>
Resident qed jagħmel talba biex ssir *sleeping policeman* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Din it-talba kienet diġa saret mal-Kunsill Lokali preċedenti iżda ma kienetx ġiet approvata.

6.7.11.2 Il-kunsill qabel li ssir din l-*isleeping policeman* u għandha tiġi sottomessa applikazzjoni ma' Transport Malta.

6.7.12.1 <u>Talba għal *sleeping policeman* fi Triq Annibale Preca kantuniera ma Triq Massimiliano Debono</u>
Resident ieħor ukoll qed jagħmel talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq Annibale Preca kantuniera ma' Triq Massimiliano Debono fejn hemm l-*istop sign*.

6.7.12.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir din u għandha tiġi sottomessa applikazzjoni ma' Transport Malta.

6.7.13.1 <u>Talba għal bozza ġdida fi Triq il-Forn</u>
Saret talba biex issir bozza ġdida fi Triq il-Forn eżatti ma' ġenb it-*telephone box* fuq arblu eżistenti li diġa hemm.

6.7.13.2 Il-Kunsill unanimament approva li din il-bozza ssir u għandha tiġi sottomessa applikazzjoni mal-Enemalta.

6.7.14.1 <u>Talba għal bozza ġdida fi Triq Annibale Preca</u>
Saret talba oħra għal bozza ġdida fi Triq Annibale Preca ħdejn il-kappella tal-Mirakli. Ir-Residenta li għamlet it-talba qed tgħid li m'hemmx dawl biżejjed fl-akwata u hemm bżonn li titweħħel bozza oħra.

6.7.14.2 Il-Kunsill unanimament approva li din il-bozza ssir u għandha tiġi sottomessa applikazzjoni mal-Enemalta.

6.7.15.1 <u>Talba għal linji ġodda fi Triq Preziosi Sqaq Nru 2</u>
Residenta qed tagħmel talba biex isiru xi linji ġodda fi Triq Preziosi sqaq nru 2 dan għaliex ċertu karozzi qed jipparkjaw ħazin u jagħlqulha l-aċċess għal bieb tad-dar tagħha, tal-garaxx u kif ukoll lanqas tieqa ma tista tiftaħ.

6.7.15.2 Il-Kunsill approva li ssir kaxxa safra quddiem il-garaxx, *double yellow lines* quddiem l-entratura tal-bieb tagħha u *white walking line* n-naħa ta' fejn għandha t-tieqa għat-tul tal-faċċata kollha. Is-Sindku kellem anke lil Villa Francia fuq dan u ma kienx hemm oġġezjoni. Għalhekk għandhom jiġu sottomessi applikazzjoni b'dawn it-talbiet ma' Transport Malta.

6.7.16.1 <u>Talba fi Triq Ramiro Barbaro li titratta rigward problema bl-ilma tax-xita</u>
Resident qed jagħmel talba biex isir xi ħaġa ħabba l-ilma tax-xita biex ma jibqax jinġabar quddiem il-bieb tiegħu fi Triq Ramiro Barbaro.

6.7.16.2 Is-Sindku qal li din hija xi ħaġa li jrid itina parir fuqha l-perit u l-kunsill unanimament qabel li għandu jsir kuntatt mal-perit biex jiġi fuq il-post u jagħti parir lil kunsill ta' x'jista jsir.

6.7.17.1 <u>Talba għal żewġ *sleeping policemen* fi Triq Annibale Preca</u>
Resident qed jagħmel talba biex isiru żewġ *sleeping policeman* fi Triq Annibale Preca bejn dar Villa Alfano u d-dar tiegħu dan għaliex il-karozzi qed jgħaddu bi veloċita qawwija.

6.7.17.2 Fuq din it-talba qabel tittieħed deċiżjoni, is-sindku għandu jmur fuq il-post u jiċċekja eżattament xi jrid ir-resident. Għandu jsir kuntatt mar-resident fuq dan.

6.7.18.1 <u>Talba biex jinbidel id-dawl ta' bozza fi Triq il-Forn Sqaq nru 3</u>
Resident li ġie joqgħod fi Triq il-Forn Sqaq nru 3 qed jitlob lil kunsill biex il-fanal li hemm fl-isqaq tinbidillu l-bozza u minnflokk *day light* tiġi *warm white.*

6.7.18.2 Dan ir-resident għandu jiġi nfurmat li l-kunsill iddiskuta t-talba tiegħu u bħalissa qiegħed fil-proċess li jibdel il-fanali tar-raħal. Is-Sindku għandu wkoll jagħmel kuntatt ma' dan ir-resident.

6.7.19.1 <u>Talba mingħand *Seed Dance Studio* fi Triq Pawlu Galea</u>
Is-sid ta' *Seed Dance Studio* fi Triq Pawlu Galea qed titlob lil kunsill biex isiru żewġ linji sofor jew kaxxi sofor u

kif ukoll bollards quddiem il-garaxxijiet li huma għandhom u li qed jintużaw bħala entraturi għal l-*istudio* tagħhom.

6.7.19.2 Fuq din it-talba s-sindku għandu jmur fuq il-post u jara eżattament x'qed jiġi mitlub. Is-Sid għandha tkun infurmatha b'dan.

6.7.20.1 <u>Talba għal mera fi Triq Sant Andrija</u>
Resident qed jagħmel talba biex issir mera fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 2, dan biex min ikun ħiereġ mill-isqaq jara l-karozzi ġejjien.

6.7.20.2 Il-Kunsill approva din it-talba unanimament u għandha tiġi sottomessa applikazzjoni ma' Transport Malta għal din il-mera.

6.7.21.1 <u>Talba biex terġa titweħħel tabella '*No heavy vechicles'* fi Triq Sant Andrija Sqaq Nru 1</u>
Resident qed jagħmel talba biex titweħħel tabella li diġa kien hemm permess tagħha li tgħid *no entry for heavy vehicles*, inti u nieżel mill-isqaq nru 1 fi Triq Sant Andrija.

6.7.21.2 Ħawnhekk is-Sindku spjega kif fil-parti d-dejqa ta' dan l-isqaq diġa hemm tabella tan-*no heavy vehicles*, pero trid issir oħra aktar il-fuq. Il-Kunsill qabel li din it-tabella tinxtara u tiweħħel mill-ewwel la diġa hemm permess tagħha.

6.7.22.1 <u>Talba għal ċaqliq ta' *reserved parking bay* fi Triq Giovanni Barbara</u>
Residenta qed tagħmel talba lill-Kunsill Lokali biex ir-*reserved parking bay* li kienet applikat għalih hi fi Triq Giovanni Barbara jiġi quddiem il-bieb tagħha u mhux faċċata man-naħa l-oħra tat-triq għaliex xi kultant il-karozzi qed jipparkjaw *double parking* u jagħlquha**.** Is-Sindku spjega kif din ir-residenta ġiet tkelmu personali l-kunsill.

6.7.22.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezjoni li dan ir-*reserved parking* jiċċaqlaq għal fejn tridu din is-sinjura u s-sindku qal li possibli jsir kif qed din qiegħda titlob. Għalhekk il-kunsill approva ċ-ċaqliq ta' dan ir-*reserved parking* bi permess mingħand Transport Malta.

## 6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

6.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 11 li kienet tinkludi l-ammont tal- *Petty Cash* ta' **€61.64** għax-xahar ta' Settembru.

6.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kienet ssekondata mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

## 6.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

6.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-*town planner* infurmat li PAs ġodda alarmanti ma kienx hemm għal din il-ġimgħa. Kull ma kien hemm tibdil minimu fil-pjanti ta' PA 05079/19 fi Triq Forn u Triq id-Dejqa.

6.9.2 Rigward dan it-tibdil, fuq PA 05079/19 it-*town planner* issuġġerit li l-kunsill għandu jerġa joġġezjona għax dan it-tibdil ma kienx wieħed għall-aħjar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill diġa bgħat t-tieni ittra ta' oġġezjoni tiegħu lil Awtorita tal-Ippjanar b'permezz ta' imejl fit-8 ta' Ottubru, 2019.

## 6.10 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

6.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li din is-sejħa kienet inħarġet l-aħħar ma' Jobs Plus għall-interess ta' dawk in-nies kollha eliġibli li qed jirreġistraw fuq part 3C1. Din is-sejħa ngħalqet fil-5 ta' Ottubru 2019 u kien hemm b'kollox żewġ applikazjonijiet.

6.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-applikazzjonijiet taż-żewġ kandidati li urew interess għal din is-sejħa għall-attenzjoni tal-kunsill. Ħadd minn dawn iż-żewġ kandidati ma kien shortlisted għall-*interview.*

6.10.3 Għalhekk il-Kunsill kollu unanimament qabel li s-segretarju eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt ma' Jobs Plus,

fejn tinfurmahom b'dan ir-riżultat u biex issa din is-sejħa tiġi ċċirkulatha ma' dawk il-kandidati eliġibli li qed jirreġistraw fuq part 3C2.

## 6.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

6.11.1.1 Minuti Nru 01 tal-Laqgħa tal-lokalita mal-Pubbliku
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Minuti nru 1 tal-laqgħa tal-lokalita mal-pubbliku. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

6.11.1.2 Fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti nru 1 tal-laqgħa tal-lokalita mal-pubbliku ġew approvati unanimament.

6.11.2.1 Pjan ta' Ħidma fuq bażi ta' ħames snin
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, ir-rapport tal-pjan ta' ħidma fuq bażi ta' ħames snin li ġie ppreżentant fil-laqgħa tal-lokalita'nru 1. Il-Figuri li ġew ippreżentati f'dan il-pjan ta' ħidma issa ġew ppreparati mill-*accountant* fuq it-*template* tad-dipartiment kif suppost. Kopja ta' dan ir-rapport ingħatat lil kull kunsillier.

6.11.2.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament u s-segretarju eżekuttiv għandha ttellaw uffiċjalment fuq is-sit tal-gvern lokali.

6.11.3.1 Rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Lulju sa Settembru 2019
Is-Segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsill li sfortunatament l-*accountant* tal-kunsill ma laħqitx ippreparat ir-rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Lulju sa Settembru 2019 kif għandu jkun. Dan minħabba li l-*accountant* għadt m'għandix il-*book keeping* lest sax-xahar ta' Settembru. Hija ser tibqa tiġri wara l-*accountant* biex tiprepara dan ir-rapport.

6.11.3.2 Il-Kunsill approva li kif l-*accountant* tlesti dan ir-rapport is-segretarju eżekuttiv tista tiċċirkulah lis-sindku u lil kunsilliera b'permezz ta' imejl biex jiġi approvat immedjatament u jitella fuq is-sistema uffiċjalment u minnufih.

## 6.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

6.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

6.12.2 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia staqsa jekk mhux lest iċ-ċertifikat tal-plejer Erjon Beu u meta l-kunsill ser jipreżentah. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan iċ-ċertifikat lest u s-sindku qal li kif jiġu u japprovawh in-*nursery* ser tinstab data biex dan jiġi ppreżentat.

6.12.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq l-ismijiet tat-toroq u staqsiet lis-sindku jekk kellux ċans jaħdem fuq din il-ħaġa. Is-Sindku qal li dar mar-raħal u fil-fehma tiegħu dawk it-toroq li m'għandhomx isem huma żgħar wisq biex jingħataw wieħed. Is-Sur Dalli flimkien mas-sinjorina Farrugia għandhom isibu ġurnata biex jiltaqgħu flimkien u jkompli jiddiskutu din il-biċċa tax-xogħol fid-dettal u jaraw kif il-kunsill ser jipproċedi f'dan ir-rigward.

6.12.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet ukoll fuq it-tiżjien tal-Milied u xtaqet tkun taf jekk is-sindku għamilx xi ħaġa fuq dan u jekk irnexxilux iġib xi offerta tajba biex isir it-tiżjien fir-raħal. Is-Sindku qal li għandu qed jaħdem fuq din il-biċċa xogħol u dalwaqt ser ikollu risposta.

6.12.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia fil-qasir spjegat kif l-assoċjazzjoni tal-kunsill lokali qed tagħmel laqgħat lil kunsilliera kollha skond id-delegi li huma għandhom. Hija diġa ġiet ikkuntatjatha mill-AKL u attendiet laqgħa li għandha x'taqsam ma' waħda mid-delegi tagħha, dik tal-kultura. Minn din il-laqgħa li hija attendiet is-sinjorina Farrugia qalet li spikka ħafna l-fatt li n-nies li jgħixu fiċ-ċentru bħal Ħal Lija, jinteressaw ħafna ruħhom fl-edukazzjoni.

6.12.5.2 Fuq bażi ta' dan is-sinjorina Farrugia espremiet ix-xewqa li l-kunsill jorganizza kors tal-*health and safety* għal l-għaqdiet fejn minn kull għaqda jiġu nnominati żewġ persuni biex jattendu. Hija qalet li fil-passat il-kunsill darba kien għamel kuntatt ma' organizzazjoni apposta fejn ġie organizzat kors fil-kunsill ta' *first aid*.

6.12.5.3 Il-Kunsill approva li ssir xi ħaġa ta' edukazzjoni bħal din u s-sindku qal li la darba dan il-kors ser ikun offrut lil għaqdiet missu jsir ġo xi sala ta' wieħed mill-għaqdiet stess. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija ser tieħu

ħsieb issib kumpanija rikonoxxuta li tista torganizza korsijiet ta' health and safety u ser iġġib il-prezzijiet ta' dawn ukoll. Kif ikollha din l-informazzjoni hija għandha tgħaddi kollox għall-attenzjoni tas-segretarju eżekuttiv.

6.12.5.4 Is-Sindku qal li din l-attivita tista ssir sa' l-aħħar ta' Novembru. Hawnhekk is-segretarju eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-kunsill fejn qalet li l-ewwel aħjar tinġieb l-informazzjoni kollha u mportanti li l-kunsill l-ewwel ikollu kwotazzjoni ta' kemm ser tiġi tiswieħ din l-attivita umbgħad japprova li ssir. Hija kompliet tgħid li rridu noqgħodu attenti għax il-kunsill qed japprova ħafna affarijiet f'daqqa li kollha jqumu l-flus.

6.12.5.5 Għalhekk il-kunsill qabel li l-ewwel għandha tinġieb kwotazzjoni tal-ispiża umbagħad din l-ispiża titressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill waqt laqgħa kif suppost.

6.12.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija attendiet ukoll għall-attivita ta' *team building* li ġiet organizzata mill-AKL u li kienet waħda ferm sabiħa. L-unika dispjaċir kien li kien hemm ħafna kunsilliera u sindki ta' diversi kunsilli li nkitbu għal din l-attivita biex umbagħad spiċċaw ma attendewx. L-Assoċjazzjoni nfurmat li minħabba dan aktarx li fil-futur attivitijiet bħal dawn ser jibdew isiru bi ħlas jew depożitu.

6.12.7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet ukoll fuq diversi weraq ta' siġar u pjanti li ħerġin mill-propjetajiet tan-nies li qed ikunu ta' ostaklu fuq il-bankini u fit-toroq. Is-Sindku nfurmaha li l-kunsill ser jibgħat ittra lil kull min għandu xi weraq jew xtieli li qed ikunu ta' ostaklu biex dawn jinżabru. F'każijiet li l-kunsill m'għandux informazzjoni rigward min hu s-sid tal-propjeta minn fejn ħerġin dawn il-pjanti l-kunsill għandu jitlob għall-għajnuna tal-pulizija.

6.12.7.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet ukoll fuq ħarruba li qiegħda fi propjeta privata fejn il-kastell l-aħmar. Hija qalet li din il-ħarruba reġgħat qiegħda tarmi pero hija maqgħluha wkoll u qed tistaqsi jekk l-kunsill jistax jagħmel xi ħaġa biex din tiġi salvata.

6.12.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li diment li din il-ħarruba qiegħda fi propjeta privata hija r-responsabbilta tas-sid tal-propjeta li jieħu ħsiebha. Il-Kunsill m'għandux jidħol f'din il-kwistjoni u lanqas biss jista. Hija qalet li meta kien hemm każ ta' siġra perikoluża li waqgħet minn propjeta privata fi Triq A.Preca, l-kunsill kien talab għall-għajnuna mingħand civil protection u l-Era fin-nom tar-resident biex din is-siġra titneħħa. Iż-żewġ entitajiet kienu nfurmaw lil kunsill li diment li din hija privata jrid jara x'ser jagħmel is-sid u jġib il-permessi metieġa kollha bi spejjes għalih. Allura l-istess il-każ tal-ħarruba.

6.12.8. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet ukoll fuq l-akwata ta' Ta'Senna fejn qalet li xi ħadd qabad pot kbira u xeħitha fit-triq bil-ħamrija b'kollox. Hija qed titlob biex din titnaddaf. Qalet ukoll li tgħidx kemm hemm ħaxix maqtugħ li hemm bżonn jinkines sewwa u barra minn hekk qalet ukoll li hemm bżonn jerġa jsir l-iżbir tal-ħaxix ġewwa nett. Hija ser tibgħat ir-ritratti ta' dawn kollha b'imejl lis-segretarju eżekuttiv biex tittieħed azzjoni.

6.12.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li kelha talba mingħand xi residenti biex isiru *electronic monitors* fir-raħal apposta li jindikaw meta u fejn ikun hemm toroq magħluqin fir-raħal. Hija qed tissuġġerrxi biex isir kuntatt ma' *Faces* u naraw jekk jiprovdux dawn it-tip ta' *monitors* u jekk iva naraw jekk mhux b'xejn jew bi ħlas. Apparti minn hekk hija trid li nistaqsu lil *Faces* ukoll jekk għandhomx *information monitors* għat-turisti li jistgħu jitweħlu fir-raħal. Is-Sindku qal li l-*information monitors* aktar huma xi ħaġa li tista tiprovdihom l-MTA. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja rigward dan.

6.12.10 Il-Kunsilier Joseph Zahra kellu talba biex isir xi ħaġa quddiem l-i*stage* ta' Triq K.Ferretti bħal ilqugħ mill-ilma tax-xita għal min ikun qed jistenna tal-linja. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt ma' Transport Malta biex quddiem dan l-istage issir *shield*.

6.12.11 Il-Kunsillier Joseph Zahra espriema x-xewqa tiegħu biex jibda jsir studju fuq il-ġibjun li hemm bejn il-knisja u t-torri għax mistaġeb kemm sema li hu sabiħ bl-arkati. Is-Sindku qal li ser jagħmel kuntatt ma' l-*istorm water projects* rigward dan.

6.12.12 Il-laqgħa ntemmet fis-6:55pm.

6.12.13 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Tnejn 11 ta' Novembru, 2019 fil-5:00pm.

Konfermati, illum il-Tnejn 11 ta' Novembru, 2019.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |